MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-4 ta' Mejju, 2007

Appell Kriminali Numru. 261/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Francis Camilleri**
**Anthony Zammit**
**Mario Farrugia**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Francis Camilleri, Anthony Zammit u Mario Farrugia talli:

(1) Fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana u tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, fis-27 ta' Dicembru 2001 mal-wasla taghhom fil-Mitjar Internazzjonali ta' Malta mat-titjira KM715 mill-Kajr, Egittu, xjentement bil-kooperazzjoni ta' xulxin naqsu li jiddikjaraw

lill-Ufficjali tad-Dwana kwantita` ta’ glud ta’ l-ghasafar u annimali, liema importazzjoni taghhom hija projbita u/jew ristretta. Dwn ghandhom il-valur ta’ Lm5,916, dazju xejn, u li fuqhom kellha tithallas taxxa fuq il-valur mizjud, liema taxxa tammonta ghal Lm887.40, liema taxxa ma gietx imhallsa u/jew kawtelata;

(2) Fl-istess data, hin, post u cirkostanzi kellhom fil-pussess taghhom xi ghasafar, hajjin jew mejtin, jew parti minn xi ghasfur, jekk ma jkunx xi ghasfur inkluz fl-Iskedi I, II jew III li jinsabu mar-regolamenti ta’ l-1993 dwar il-Harsien ta’ l-Ghasafar u l-Fenek Selvagg A.L. 146/1993, kemm-il darba ma jippruvawx li dawk l-ghasafar, jew parti minnu, kien importat b’mod legittimu jew li kien imrobbi fil-maqful jew li kien registrat mad-Dipartiment;

(3) Fl-istess data, hin, post u cirkostanzi, importaw jew garrew jew kellhom fil-pussess taghhom xi ghasafar hajjin jew mejtin, jew parti ta’ xi ghasfur li ma huwiex imsemmi fl-Iskedi I, II jew III tar-regolamenti ta’ l-1993 dwar il-Harsien ta’ l-Ghasafar u l-Fenek Selvagg A.L. 146/1993, kemm il-darba ma jippruvawx li dawk l-gahsafar kienu mportati b’mod legittimu jew li kien imrobbi fil-maghluq;

(4) Fl-istess data, hin, post u cirkostanzi, importaw ghasafar, hajjin jew mejtin jew partijiet minnhom, meta ma humiex imrobbija fil-maghluq fil-pajjiz minn fejn ikunu originaw u huma protetti fil-pajjiz ta’ l-origini taghhom, u li l-esportazzjoni taghhom mill-pajjiz minn fejn gew esportati kienet wahda mhux awtorizzata;

(5) Fl-istess data, hin, post u cirkostanzi ftehmu jew ipprovaw, jew ghinu, hajjru, taw parir jew qabdu lil xi persuni ohra biex tikser id-disposizzjonijiet tar-Regolamenti ta’ l-1993 dwar il-Harsien ta’ l-Ghasafar u l-Fenek Selvagg jew biex jonqos milli jikkonforma ma’ xi wiehed minn dawn id-disposizzjonijiet (inkluzi xi ordni legittimament moghtija bis-sahha ta’ xi disposizzjoni ta’ dawn ir-regolamenti) jew biex jikser xi restrizzjoni, projbizzjoni jew htiega impostati minn dawn ir-regolamenti jew bis-sahha taghhom;

(6) Fl-istess data, hin, post u cirkostanzi, importaw l-istess speci mhux kif titlob il-Konvenzjoni dwar il-Kummerc fi Speci Mhedda ta’ Fawna u Flora Selvagg; naqsu li jzommu kull licenza, permess jew certifikat sakemm dawk l-ispeci kienu taht il-kontrol taghhom; kisru xi restrizzjoni, projbizzjoni jew htiega imposta minn jew taht dawn ir-regolamenti, ftehmu jew ippruvaw jew ghinu, hajru, taw parir jew qabdu lil xi persuna sabiex jikser xi restrizzjoni, projbizzjoni jew htiega ohra taht dawn ir-regolamenti ta’ l-1992 dwar il-Kummerc fi Speci ta’ Fawna u Flora.

Il-Qorti giet mitluba li barra li taghti l-piena stabbilita, tordna l-konfiska ta’ l-oggettie sebiti, kif ukoll tordna l-iskwalifika tal-licenzi taht dawn ir-regolamenti ghal perijodu ta’ mhux inqas minn sena;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-18 ta’ Lulju 2006, li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 60(a)(b)(c)(e)(k), 62(a)(b)(c)(e)(f)(g)(h)(i)(k) ta’ l-Ordinanza tad-Dwana Kap. 37 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Avviz Legali 11/1982, l-Avviz Legali 146/1993 u l-Avviz Legali 19/1992, sabet lill-imsemmijin Francis Camilleri, Anthony Zammit u Mario Farrugia hatja ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra taghhom u kkundannathom solidament bejnithom ghall-multa ta’ hdax-il elf, tmien mija u tnejn u tletin liri Maltin (Lm11,832) u ordnat is-sospenzjoni tal-licenzja sabiex izommu u jgorru arma tan-nar ghal zmien sentejn mid-data tas-sentenza appellata, kif ukoll ordnat il-konfiska tal-glud imsemmija f’dan il-kaz;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-imsemmijin Francis Camilleri, Anthony Zammit u Mario Farrugia pprezentat fl-24 ta’ Lulju 2006 li permezz tieghu talbu li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tikkonfermaha in kwantu nstabu hatja tar-reati bi ksur tal-Avvizi legali 11/1982, 146/1993 u 19/1992, u in kwantu ma nstabux hatja tar-reati bi ksur dwar il-Ligi tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT) kif ukoll in kwantu ma ordnatx il-konfiska tas-snieter taghhom, izda tirrevokaha in kwantu sabithom hatja tar-reati bi ksur tal-Kap. 37 tal-Ligijiet ta’ Malta u

kkundannathom ghall-hlas ta' multa ta' Lm11,832 u tirrevokaha ukoll in kwantu ordnat is-sospensjoni tal-licenzji taghhom sabiex izommu arma tan-nar ghal perijodu ta' sentejn;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellanti huma s-segwenti: (1) galadarba huma abbandunaw l-oggetti fil-pussess taghhom qabel ma ghaddew minn quddiem l-ufficjali tad-Dwana, ma jistghu qatt jinsabu hatja taht il-Kap. 37 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk id-decizjoni ta' l-ewwel Qorti illi timmultahom id-doppju tal-valur tal-glud fit-termini ta' l-istess Kap. 37 hija skorretta; (2) galadarba l-importazzjoni tal-glud mertu ta' din il-kawza hija projbita taht disposizzjoni tal-ligi ohra, id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 62 tal-Kap. 37 hija espressament eskluza mil-legislatur fil-proviso (c) ta' l-istess artikolu; (3) anke jekk ghall-grazzja ta' l-argument biss huma jistghu jinstabu hatja taht il-Kap. 37 tal-Ligijiet ta' Malta huma ma jistghux jinstabu hatja ta' komplicita` fil-kummissjoni ta' dak ir-reat; (4) id-decizjoni ta' l-istess Qorti illi tordna l-iskwalifika taghhom milli jkollhom licenzja sabiex igorru arma tan-nar ghal zmien sentejn mis-sentenza hija wkoll skorretta u mhux gustifikata.

Wara li saret it-trattazzjoni ta' l-appell, l-Avukat Generali permezz ta' nota li pprezenta fil-15 ta' Jannar 2007, iddikjara li, wara li ha konjizzjoni dettaljata tal-ligijiet relevanti, jaqbel mat-tieni aggravju ta' l-appellanti.

Permezz ta' l-imsemmi tieni aggravju, l-appellanti jghidu li l-importazzjoni tat-tjur ossia tal-glud ta' tjur mertu ta' din il-kawza hija pozittivament komminata fl-Avviz Legali 19/1992. Huma jirreferu specifikatament ghar-regolament 9 ta' dak l-Avviz Legali li fis-subinciz (1) jipprojbixi l-importazzjoni tat-tjur u fis-subinciz (2) jipprovdi ghall-piena applikabbli.

Is-subinciz (1) tar-regolament 9 ta' l-Avviz Legali 19/1992 intitolat "Regolamenti ta' l-1992 dwar il-Kummerc fi Speci ta' Fawna u Flora", u li allura f'dan il-kaz jirrigwarda l-gilda tar-*red fox*, fil-fatt jiddisponi hekk:

**"Kull persuna li timporta, tesporta jew tirriesporta xi ezemplari bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, u kull persuna li tikser xi restrizzjoni, projbizzjoni jew htiega imposta minn jew taht dawn ir-regolamenti, u kull persuna li tiftiehem jew tipprova, jew tghin, thajjar, taghti parir jew tqabbad lil xi persuna ohra biex timporta, tesporta jew tirriesporta xi ezemplari bi ksur ta' dawn ir-regolamenti jew biex tikser xi restrizzjoni, projbizzjoni jew htiega kif imsemmija qabel, tkun hatja ta' reat."**

Is-subinciz (2) ta' l-imsemmi regolament 9 imbaghad jistabilixxi l-pieni applikabbli.

Apparti hekk, pero`, is-subinciz (2) tar-regolament 12 ta' l-Avviz Legali 146/1993 intitolat "Regolamenti ta' l-1993 dwar il-Harsien ta' l-Ghasafar u l-Fenek Selvagg", jistipula testwalment dan li gej:

**"Ebda persuna ma tista' tesibixxi, timporta jew tesporta, iggor jew toffri ghall-bejgh, jew ikollha fil-pussess taghha xi ghasfur haj jew mejjet, jew parti ta' xi ghasfur li ma huwiex imsemmi fl-Iskedi I, II jew III ta' dawn ir-regolamenti, kemm il-darba ma tippruvax li dak l-ghasfur kien importat b'mod legittimu jew li kien imrobbi fil-maghluq."**

Is-subinciz (3) tar-regolament 25 imbaghad jipprovdi ghall-pieni applikabbli.

Issa l-*proviso* (c) ta' l-artikolu 62 tal-Kap. 37 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi hekk:

**"il-pieni imposti b'dan l-artikolu ma ghandhomx japplikaw fil-kaz ta' reat li jkollu x'jaqsam ma' importazzjoni ta' oggetti kontrarjament ghal projbizzjoni jew restrizzjoni meta jkun hemm piena**

**espressament ghal dak ir-reat bil-ligi jew att iehor li jimponi l-projbizzjoni jew restrizzjoni”**.

L-imsemmi *proviso* huwa car u ma jhalli ebda dubju li f’dan il-kaz il-pieni kontemplati fl-artikolu 62 tal-Kap. 37 mhumiex applikabbli galadarba l-Avviz Legali 19/1992 u anke l-Avviz Legali 146/1993 jipprovdu espressament ghall-projbizzjoni ta’ l-importazzjoni tat-tjur ossia glud in kwistjoni u l-pieni relattivi dwarhom.

Konsegwentement it-tieni aggravju huwa milqugh u, in vista tal-verbal li sar fis-seduta tas-27 ta’ April 2007 li permezz tieghu d-difensur ta’ l-appellanti jirtira l-ewwel u t-tielet aggravji kemm-il darba t-tieni aggravju jigi milqugh, din il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ dawk l-aggravji. Ghalhekk jibqa’ biex jigi kkunsidrat ir-raba’ aggravju li jikkoncerna s-sospensjoni tal-licenzja ta’ l-appellanti biex izommu u jgorru arma tan-nar ghal zmien sentejn.

L-appellanti jghidu li ebda wahda mid-disposizzjonijiet tal-ligi illi tahthom instabu hatja ma jikkominaw is-sospensjoni tal-licenzja sabiex wiehed izomm arma tan-nar ghar-reati li taghhom huma nstabu hatja. Inoltre, ikomplu l-appellanti, ma jirrizultax, u certament ma kienx il-kaz, illi huma uzaw is-snieter taghhom jew zammewhom illegalment jew ghal xi skop illecitu gewwa Malta. Ghalhekk, isostnu, galadarba ma jirrizultax illi gie kommess xi reat b’dawn is-snieter, ma tezisti ebda raguni legali li ghaliha ghandu jkollhom il-licenzja taghhom sospiza ghal tant zmien twil.

Din il-Qorti tosserva illi l-ewwel Qorti ma qalitx taht liema disposizzjoni tal-ligi kienet qed tordna s-sospensjoni tal-licenzja ta’ l-appellanti sabiex izommu u jgorru arma tan-nar. Ghalhekk din il-Qorti ezaminat id-diversi disposizzjonijiet tal-ligi u f’dar-rigward huwa bizzejjed li ssir referenza ghall-*proviso* tas-subinciz (3) tar-regolament 25 ta’ l-Avviz Legali 146/1993. Dan il-*proviso* jiddisponi illi **“kull min jinsab hati li ghamel reat kontra xi regolament iehor mhux imsemmi fil-paragrafu (2) ta’ dan ir-regolament, liema reat involve kull ghasfur**

**inkluz fi Skeda VII li tinsab ma’ dawn ir-regolamenti, ikun jehel meta jinsab hati l-piena skond il-paragrafu (2) ta’ dan ir-regolament”**. Issa, fost it-tjur elenkati fl-Iskeda VII hemm is-*circus macrourus* (il-bughadam abjad) u l-*pandion haliaetus* l-arpa). Minn ezami tar-relazzjoni tal-Maggur Emmanuel Mallia jirrizulta illi fil-bagalja kahla kien hemm zewg arpi u bughadam abjad, fil-bagalja beige kien hemm zewg arpi u fil-bagalja bil-fjuri kien hemm arpa wahda. Il-piena skond is-subinciz (2) tar-regolament 25 fil-kaz ta’ l-ewwel reat hija ta’ multa ta’ mhux anqas minn hamsin lira Maltija izda mhux aktar minn elf lira Maltija u l-konfiska tal-corpus delicti. <u>Inoltre l-Qorti tista’ wkoll tordna s-sospensjoni tal-licenzja jew permess ghal zmien mhux anqas minn sena.</u>

Konsegwentement l-ewwel Qorti setghet fid-diskrezzjoni taghha tissospendi l-licenzja ta’ l-appellanti u din il-Qorti ma tara l-ebda raguni biex tiddisturba dik id-diskrezzjoni.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellanti solidalment bejniethom ghal multa ta’ Lm11,832 u minflok tikkundannahom ghall-hlas ta’ multa ta’ elf liri Maltin (Lm1,000) kull wiehed minnhom, u b’dan li l-perijodu ta’ skwalifika jibda jiddekorri millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------